# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **283/2022**

## WESTERN CO. LIMITED (C 19994)

**VS**

## ANDREA MUSCAT (KI 425586M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 14 t'April 2023**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar talba għall-ħlas ta' debitu dovut mill-intimata Andrea Muscat lis-soċjeta' Western Co Limited, magħmula permezz ta' rikors tas-soċjeta' Western Co Limited preżentat fl-ewwel (1) t'April 2022;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat fl-ewwel (1) t'April 2022, is-soċjeta' **<u>Western Co Limited</u>** ippremettiet:

a. Illi s-soċjeta' attriċi hija kreditriċi tal-konvenuta f'diversi somom rappresentanti prezz ta' diversi vetturi, ilkoll mibjugħa u kkonsenjati lill-konvenuta, pero mhux imħallsa, u dan kif jirriżulta mill-iskrittura annessa bħala **Dok A**;

b. Illi l-konvenuta, għalkemm interpellata biex iħallas dawn l-ammonti, baqgħet moruża;

c. Illi Charles Bianco, rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti, kien jaf b'dawn il-fatti personalment;

3. Għaldaqstant is-soċjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddikjara illi l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi f'somma li trid tiġi likwidata minn din il-Qorti rappresentanti prezz ta' diversi vetturi skont l-annessa skrittura (**Dok A**);

ii. Tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lis-soċjeta' attriċi;

iii. Tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjeż inkluż tal-mandat ta' sekwestru numru 343/22 u l-imgħax;

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tmienja (8) t'April 2022, din il-Qorti appuntat il-kawża għas-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2022, b'ordni għan-notifika tar-rikors ġuramentat lill-intimata, illi ngħatat għoxrin (20) jum biex tirrispondi skont il-liġi, u sabiex il-partijiet jippreżentaw ukoll nota bid-dokumenti kollha fil-pussess tagħhom in sostenn tat-talba u/jew difiża rispettiva tagħhom;

5. Waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2022, il-konvenuta Andrea Muscat indikat illi kienet ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat il-

ġurnata ta' qabel, u cioe fis-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, b'dana illi għalhekk kien għadu għaddej it-terminu għar-risposta;

6. Din il-Qorti nnotat waqt is-seduta tat-tmienja (8) ta' Lulju 2022 illi l-konvenuta, debitament notifikata, kienet kontumaċi.

**Il-Qorti**

7. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta' rikorrenti datat l-ewwel (1) t'April 2022, u d-dokument anness miegħu, cioe skrittura privata ffirmata minn Charles Bianco għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti u l-konvenuta Andrea Muscat (**Dok A** a fol 4 tal-proċess);

8. Reġgħet rat illi l-konvenuta ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, u ngħatat terminu illi fih setgħet tippreżenta risposta[1];

9. Rat illi l-konvenuta, minkejja illi ġiet debitament notifikata bir-rikors ġuramentat, naqset milli tippreżenta risposta fit-terminu lilha konċess[2];

10. Rat l-affidavit ta' **Conrad Pisani** ppreżentat mis-soċjeta' rikorrenti, immarkat **Dok CP** a fol 14 tal-proċess;

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Charles Bianco** waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022[3], u rat id-dokument minnu esebit, cioe *statement* illi juri l-bilanċ dovut mill-konvenuta lis-soċjeta' rikorrenti (**Dok CB1** a fol 20 *et seq* tal-proċess);

12. Rat illi, waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 2022, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi xi tressaq;

[1] Vide verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju 2022, a fol 10 tal-proċess
[2] Vide verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2022, a fol 11 tal-proċess
[3] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 18-19 tal-proċess

13. Rat illi, waqt l-istess seduta, din il-Qorti kkonċediet lill-konvenuta xahar żmien minn dakinhar stess sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub[4];

14. Rat illi l-konvenuta baqgħet m'għamlet l-ebda sottomissjonijiet tagħha bil-miktub, minkejja t-terminu illi ġie lilha konċess;

15. Rat illi s-soċjeta' rikorrenti ma ppreżentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet, minkejja t-terminu illi ġie lilha konċess;

16. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għas-sentenza;

17. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. Stat ta' Kontumaċja*

18. Fl-ewwel lok, il-Qorti tħoss illi jkun għaqli illi tindirizza l-istat tal-konvenuta fil-kawża odjerna;

19. Jirriżulta mill-atti illi r-rikors ġuramentat ġie notifikat lill-konvenuta nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Mejju 2022, fatt illi ġie saħansitra anke konfermat mill-konvenuta stess waqt is-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2022[5];

20. Minkejja illi l-konvenuta kienet taf bil-pretensjoni tas-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tagħha, hija naqset milli tintavola risposta għat-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti[6], u, filwaqt illi attendiet għas-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Mejju 2022, sussegwentement naqset milli tattendi, jew milli, mill-inqas,

[4] Vide verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 2022, a fol 17 tal-proċess
[5] Vide verbal a fol 10 tal-proċess
[6] Vide verbal tas-seduta tat-8 ta' Lulju 2022 a fol 11 tal-proċess

tinkariga u/jew tibgħat rappreżentant legali sabiex jirrappreżentaha fil-proċeduri odjerni[7];

21. Referenza ssir għas-sub-inċiżi tal-**Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** illi huma relevanti għall-każ odjern, u cioe:

> *158. (1) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta ġuramentata tiegħu fi żmien għoxrin jum mid-data tan-notifika, kemm-il darba ma jkunx se jammetti t-talba.*
>
> *[...]*
>
> *(10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madanakollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi.*

22. Fil-każ in eżami, jirriżulta mill-atti illi ma ġiet preżentata l-ebda risposta ġuramentata, u għalhekk din il-Qorti tqis illi l-konvenuta tinsab fi stat ta' kontumaċja;

23. Ai termini tas-sub-inċiż 10 tal-Artikolu 158 suċitat, iżda, il-konvenuta kellha l-possibilta' illi tipprova għas-sodisfazzjon tal-Qorti raġuni tajba illi għaliha naqset milli tippreżenta risposta fi żmien għoxrin jum min-notifika tagħha tar-rikors ġuramentat. Dak illi jikkwalifika bħala ġustifikazzjoni tal-kontumaċja mhuwiex dettat mil-liġi, iżda kienu diversi l-istanzi fejn il-Qrati

---

[7] Vide verbali tas-seduti illi nżammu f'din il-kawża, a fol 11, 12, 17, 23 u 25 tal-proċess

Maltin iddealineaw kif għandu jiġi interpretat il-kliem *"raġuni tajba"*. Referenza ssir għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Noel Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance***[8], fejn, b'referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo***[9], il-Qorti tal-Appell elenkat il-prinċipji illi huma ġeneralment ikkunsidrati bħala punt ta' tluq għal dak li jikkonċerna l-istat ta' kontumaċja:

*(1) Il-kontumaċja ma tistax tiġi ritenuta ġustifikata jekk kienet volontarja;*

*(2) Lanqas tista' tiġi ġustifikata jekk kienet almenu kolpuża;*

*(3) Biex ikun hemm lok għall-ġustifikazzjoni hemm bżonn li tiġi pruvata kawża ġusta;*

*(4) Din il-kawża ġusta għandha tkun tikkonsisti f'impediment leġittimu;*

*(5) L-impediment, biex ikun leġittimu, għandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaċi;*

*(6) L-iżball m'hux impediment leġittimu jekk ma jkunx żball invinċibbli, għaliex jekk ikun vinċibbli, allura jiġi ekwiparat għall-kulpa;*

*(7) Dan l-impediment leġittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";*

*(8) L-impossibbilta' li wieħed jidher għas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta' gravi, biex tista' tikkonstitwixxi impediment leġittimu għandha tkun fiżika, u eċċezzjonalment biss tista' tkun morali.*

[8] Appell Ċivili Nru 126/2003/1, Qorti tal-Appell (Superjuri), 28 ta' Jannar 2005
[9] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ William Harding, 29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581)

24. Dwar dik illi tikkostitwixxi *"kawża ġusta"*, ingħad imbagħad fis-sentenza ***Calleja et vs Middle Sea Valletta Life Assurance*** suċitata illi:

> *Dan magħdud, pero', xorta waħda jibqa' mhux għal kollox ben definit x'tikkostitwixxi "kawża ġusta" meta mill-prinċipju wieħed jgħaddi għall-eżami tal-fatti. Fil-fatt ġara li ftit ftit bdiet tidħol il-prassi – għalkemm mhux b'mod uniformi – li darba li konvenut in kontumaċja jidher personalment fl-ewwel appuntament tal-kawża, allura dan beda jitqies bħala turija li ma kienx hemm dak id-dispett jew kontumaċja li trid tirriżulta biex il-kontumaċja ma tiġix iġġustifikata. Din il-Qorti trid tagħmilha ċara li ġustifikazzjoni merament bażata fuq il-preżenza tal-parti mħarrka fl-ewwel appuntament tal-kawża m'huwiex biżżejjed bħala turija li ma hemmx dispett jew kontumaċja lejn l-awtorita' ġudizzjarja. Dik il-preżenza ta' l-imħarrek – fatt fih innifsu pożittiv – hija invece meħtieġa bħala parti mill-indaġni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabbilixxi jekk kienx hemm tassew "kawża ġusta" jew le. Dan hu hekk għar-raġuni li l-ġustifikazzjoni ta' kontumaċja għandha tibqa' titqies bħala eċċezzjoni għar-regola li l-imħarrek hu tenut li jwieġeb bil-miktub b'nota fiż-żmien stipulat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedurali Ċivili, u bħala tali l-eċċezzjoni m'għandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola.*

25. Fil-każ odjern, il-konvenuta kienet ben konxja tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kellha pretensjoni fil-konfront tagħha, għaliex ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ. Anke jekk għall-grazzja tal-argument il-konvenuta kellha raġuni valida illi għaliha ddeċiediet illi ma ddaħħalx risposta ġuramentata, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuta kellha mill-inqas tara illi tidher hi stess jew tkun rappreżentata waqt is-seduti sabiex titlob il-permess tal-Qorti għal estensjoni ta' żmien biex tippreżenta r-

risposta ġuramentata tagħha. Saħansitra anke meta ġie konċess terminu illi fih setgħet tagħmel is-sottomissjonijiet finali tagħha, il-konvenuta naqset milli tagħmel dan, u għażlet minflok illi tibqa' siekta. Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi l-konvenuta ġabet prova illi kien hemm xi kawża ġusta ai termini tal-prinċipji legali suesposti illi a bażi tagħha din il-Qorti tista' tikkunsidra l-kontumaċja bħala waħda ġustifikata;

26. Dan kollu kkunsidrat, iżda, huwa stabbilit f'ġurisprudenza nostrana illi l-kontumaċja ma tfissirx, u ma tistax tiġi ekwiparata m'ammissjoni. Referenza ssir għal dak ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Blye Engineering Co Ltd vs Philip Borg Bellanti et***[10], fejn ġie senjalat illi:

> *Magħdud dan, huwa wkoll prinċipju ben stabbilit illi għalkemm il-konvenut jibqa' kontumaċi dan ma kellux jinftiehem bħala li hu abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħti fil-kawża u ammetta d-domanda. Sta għall-ġudikant li jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata, independentement mill-kontumaċja tal-konvenut. Vide* **Kollez. Vol. XXIX P III p 35***;*

Il-fatt, għalhekk, illi l-konvenuta qiegħda titqies bħala fi stat ta' kontumaċja, ma jfissirx illi, b'mod awtomatiku, għandhom jintlaqgħu t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti. Din il-Qorti xorta waħda għandha r-responsabbilta' illi tindaga jekk it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti humiex ġustifikati jew le, irrispettivament mill-fatt illi l-konvenuta naqset milli tirrispondi tempestivament għat-talbiet kif dedotti fir-rikors ġuramentat u milli tattendi għas-seduti illi nżammu quddiem din il-Qorti.

*B. <u>Il-Mertu tal-Kawża Odjerna</u>*

[10] Appell Ċivili Nru 273/2003/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 22 ta' Ġunju 2005. Ara wkoll ***Attard Farm Supplies Limited vs Kollvik Recycling S.L.,*** Rik Ġur 649/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 30 ta' Marzu 2021 (in ġudikat), u ***Besteam Audio Limited vs World Entertainment Company s.r.l.***, Rik Ġur 340/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Anna Felice, 4 ta' Mejju 2022 (in ġudikat)

27. Mill-atti jirriżulta illi:

a. Skont skrittura datata għaxra (10) t'April 2015 iffirmata minn Charles Bianco għan-nom tas-soċjeta' rikorrenti u l-konvenuta Andrea Muscat, il-konvenuta akkwistat numru ta' vetturi għall-prezz ta' ħamsa u sebgħin elf Ewro (€75,000) li minnhom tħallas l-ammont ta' ħamest elef Ewro (€5,000), filwaqt illi r-rimanenti sebgħin elf Ewro (€70,000) kellhom jitħallsu *"f'pagamenti mensili ta' €1,500 għal 60 xahar konsekuttivi inkluż l-imgħax ta' fuqhom"*[11];

b. In oltre, skont l-istess skrittura, ġie miftiehem illi, *"jekk huma jkunu morużi fl-ekwivalenti ta' żewġ (2) pagamenti, huma jiddekadu mill-benefiċċju tat-terminu u r-rimanenti bilanċ ikun dovut f'daqqa"*[12];

c. Fl-affidavit tiegħu, **Conrad Pisani** jikkonferma bil-ġurament illi, *"bdejna nibagħtulha reminders bil-miktub biex tavviċinana pero qatt ma kienet ġiet tħallas għalkemm kien hemm diversi wegħdiet min-naħa tagħha biex tħallas. Jien nikkonferma illi l-ammont ta' €70,000 bl-imgħax għadu dovut. It-total dovut għalhekk huwa ta' €86,500."*[13];

d. L-*istatement* esebit minn **Charles Bianco** jindika illi għadu dovut mill-konvenuta bilanċ fl-ammont ta' €82,512.00, illi jinkludi imgħax fl-ammont ta' €4,394.00[14];

28. Il-Qorti sejra tikkonsidra l-*istatement* bħala l-aktar prova preċiża tal-ammont illi għadu dovut mill-konvenuta. Ikkunsidrat illi l-pagamenti kellhom ikunu pagamenti mensili fl-ammont ta' €1,499.38, għal sittin xahar, it-total illi fl-aħħar mill-aħħar kellu jitħallas mill-konvenuta (liema total kien jinkludi wkoll l-imgħax), kellu jkun fl-ammont ta' €89,962.80. Skont l-istess

[11] Vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 4 tal-proċess

[12] Ibid. Il-Qorti tosserva illi minkejja illi t-termini u l-kundizzjonijiet fl-iskrittura jagħmlu referenza għal aktar minn kompratur wieħed, effettivament kienet biss l-intimata Muscat illi akkwistat il-vetturi skont l-istess skrittura.

[13] Vide **Dok CP** a fol 14 tal-proċess

[14] Vide **Dok CB1** a fol 20 *et seq* tal-proċess

*statement*, il-konvenuta għamlet numru ta' pagamenti matul is-snin, illi wasslu għall-ammont ta' €7,450. Għaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi illi għadu dovut mill-intimata bilanċ ta' **<u>€82,512</u>** skont kif jindika l-istess *statement*, liema ammont allura jinkludi wkoll l-imgħax illi kellu jakkumula tul is-snin;

29. Il-Qorti tinnota illi in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi s-soċjeta' rikorrenti kienet qiegħda tressaq pretensjoni fil-konfront tagħha peress illi kienet ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat, <u>iżda</u> minkejja dan, xorta waħda naqset milli tikkontesta l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti tista' tkun biss waħda, u cioe <u>illi l-konvenuta rrikonoxxiet illi hija għandha dejn fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €82,512 skont l-*istatement* esebit minn Charles Bianco</u>;

30. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet jew provi kontrastanti da parti tal-konvenuta, din il-Qorti tqis illi l-pretensjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti ġew sodisfaċentement pruvati, b'dana illi jirriżulta lil din il-Qorti illi l-konvenuta għandha dejn fil-konfront tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' **tnejn u tmenin elf, ħames mija u tnax-il Ewro (€82,512)**. Konsegwentement, **<u>din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti in kwantu tiddikjara lill-konvenuta bħala debitriċi tas-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' €82,512, u tikkundanna lill-istess konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-istess somma</u>**;

31. F'dak illi jirrigwarda t-talba tas-soċjeta' rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

(2) *F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

32. Lil din il-Qorti ma jirriżultalhiex illi l-akkwist tal-vetturi mill-konvenuta sar għal skopijiet kummerċjali fit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant tikkonsidra illi l-każ odjern jinkwadra ruħu taħt is-sub-inċiż (2) tal-Artikolu 1141 tal-Kap 16. Peress illi ma nġabet l-ebda prova illi ġie intavolat xi att ġudizzjarju qabel ir-rikors promotur fil-kawża odjerna, din il-Qorti sejra tordna illi l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) għandu jkun dovut fuq l-ammont likwidat mill-ewwel (1) t'April 2022 sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

33. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tilqa' l-ewwel talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti u tiddikjara illi l-konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi;

(ii) **<u>Tilqa' t-tieni talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti u tillikwida s-somma dovuta mill-konvenuta lis-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' **tnejn u tmenin elf, ħames mija u tnax-il Ewro** (**<u>€82,512</u>**);

(iii) **<u>Tilqa' t-tielet talba</u>** tas-soċjeta' rikorrenti u tordna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta' rikorrenti s-somma hekk likwidata, bl-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-istess somma dekorribbli mill-ewwel (1) t'April 2022 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża, kif ukoll l-ispejjeż tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 343/2022 a karigu tal-konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**